TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 251/13-F

**Rachael Bugeja**
**vs**
**Scholl Foothealth Centre**

Illum 4 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sittin ewro (€60), rappreżentanti prezz ta' żarbun tat-tifel, illi wara li ntlibes darbtejn, inbidel il-kulur.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat żarbun għat-tifel tagħha mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' sittin ewro (€60), illi wara li libsu darbtejn dan iż-żarbun kien jidher qisu ntlibes ħafna drabi u li kienu qishom migrufin.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-istil taż-żarbun in kwestjoni huwa hekk kif deskritt mir-rikorrenti *cracked leather* u kif ukoll illi ma jistax ikun li dan iż-żarbun inħasel bl-ilma biss għall-fatt illi l-kulur inbidel minn blu ċar għal griż.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, kellu l-opportunita' li jara ż-żarbun in kwestjoni, u jinnota li verament kien hemm *weathering*. Pero' wara li t-Tribunal spezzjona dan iż-żarbun, jinnota illi t-tort mhuwiex tal-intimat imma huwa tar-rikorrenti stante li ż-żarbun inħasel b'xi ħaġa li ġiegħel lill-kulur jiffejdja.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888